# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**144.** **17 ta' G'UNJU 1911.** **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL MOSTA

Għandi f'idejja iż-żeŭġ cotba sbiħ li is-Sacerdot intelliġenti Edgardu Salomone stampa fuk dana ir-raħal tant sabiħ u importanti. Il ŭieħed hu mictub b'ingliż tajjeb u jismu «MUSTA; ITS MEMORIES AND CHARMS» u l-ieħor, b'it-taljan «GRONGNET CONFUTA FERGUSSON.» Billi it-tnejn fihom xi documenti ta' ħtieġa cbira għal l-Istorja tagħna tħajjart li nagħżilcom l-aħjar tagħhom; iżda l-isbaħ li tagħmlu hu li tixtruhom m'il «Colonial Library» ta' Strada Rjali, il Belt, billi jkumu ħaġa żgħira u fihom ħafna stampi interessanti li ma nixtax inġibhomlcom haŭnhecc.

* * *

M'il «Ftuħ» ta'l ctieb «MUSTA, ITS MEMORIES AND CHARMS» nieħdu li fi żmien l-Aragonisi chellna malti kalbieni, il Conti Arrigo, li laħak Ammirall ta'l Flotta ta' Skallija taħt Federicu I, u li il cbir storicu taljan Muratori sejjaħlu: «l-actar captan kalbieni u ta' ħila ta' dac iż-żmien.»

—Il Contissa De La Warr f'il ctieb tagħha «*An Eastern Cruise in the* «Edeline» faħħret il Maltin billi kalet, li huma: «*famous for their piety and religion.*» Ħaġa ta'l għaġeb għal l-Ingliżi għaliex l-oħrajn dejjem għajjrunalina bigotti u fanatici.

—Father Kendal, il gћaref gesŭita, faħħar Malta billi sejjħilha f'il «*Fior del Mondo*» *the most Catholic member of the British Empire.*» Fula f'kargħa oħra!

—Il Mosta b'collox tlaħħak xi disa t-elef ruħ. Isimha hu m'il għarbi u jfisser «*nofsija*» u in-nies tagħha saru insara actarx b'it-tagħlim ta' S. Paŭl stess billi minn hemm għa'n-Naxxar hemm tefgħa ta' ġebla biss.

—Fl-antic chienet issir festa sabiħa f'il Cnisja ta' Ŭied il Għasel imkaddsa lil San Paŭl, l-Eŭŭel Eremita. Dina il festa, li għaliha chienet tagħmel ħafna in-nies, chien bdiha Don Ortensio Bennini, Maestru ta'l Cor ta' S. Ġŭann, fl-1676, ŭara il pesta, u saħansitra chienet issir kuddiesa b'il musica. Il cnisja li hemm il-lum imbniet ŭara oħra kadima li chien hemm minn żmien ŭisk kabel. Fukha tchellimna kabel.

Il cnisja ta' Sta: Margherita reġgħet imbniet fl-1771. Iżda kabel chien hemm oħra ŭisk actar antica u f'iċ-cimiterju chienu jidfnu il daŭc li jmutu b'il pesta.

—Il Cnisja ta'l Visitazjoni bniha minn flusu Damjan Bonnici fl-1615. Jingħad li dina chienu iċconsagraŭha seba iskfjiet li chienu innaŭfragaŭ f'Malta huma u sejjrin għall Concilju fl-Affrica. Ijsejjħulha «*Ta' Ŭejda*» m'il lakam li chellu min bniha. Jingħad li taħtha jeŭ ħdejha chien hemm fl-antic Santŭarju.

—Il cnisja ta' St. Anton Abati bneŭha, fl-1657, Dr: Dun Salv: Fenech u Florju Borg.

—Il cnisja ta'l Madonna TA' DEJR-IM-BLAT reġgħet imbniet fl-1658 minn but Bartilmeŭ Busuttil.

—Il cnisja ta' S. Anard reġgħet ġiet mibnija fl-1659 minn Bernarda Mangione.

—Barra minn daŭn il cnejjes chien hemm ucoll fl-antic ŭaħda imkaddsa lil Sidtna Marija tielgħa is-Sema u li semmiha l-Iskof Cubelles fl-1557 u Mons: Duzina fl-1575. Fiha chien ijkaddes il Cappillan ta'n-Naxxar nhar Santa Marija billi chienet tagħmel minnu.

—F'it-13 ta' Settembru 1608 saret parroċċa u l-Iskof Gargallo ħatar bħala l-eŭŭel Cappillan lil Dun Ġŭann Bezzina. Dan chien ilu Vici-Parrocu għal għoxrin sena u chien maħbub ŭisk billi chien jaħdem chemm jiflaħ għal ġid ta'l erŭieħ.

—Ferris ijrid ijgħodd id-data ta'l parroċċa m'il meŭt ta' dana li ġrat f'is-16 ta' Lulju 1610.

Bneũ ghalhecc cnisja parroċċjali fuk id-disinn ta'l architett famus malti Masu Dingli fl-1614 b'il permess ta'l Iskof Cagliares.

L-inqũatru ta'l artal maġġur pinġih il pittur malti Bascal Buħagiar fl-1678 u sar minn flus Dun Ġacbu Chetcuti. Dan ghadu f'il cor ta'l cnisja li hemm il-lum.

—Fl-1680 il Mosta chien hemm 1,300 ruħ, fi 300 dar. Fi żmien Mons: Duzina (1575) chien hemm 116 il dar biss.

—Il cnisja ta'l Isperanza imbniet fl-1760 fl żmien il Cappillan Dun Neric Audibert, b'ũieghda ta' ũaħda xbejba chif ghedt f'is-«Saħħar Falzun!»

—Il Consagrazjoni ta'l cnisja Parroċċjali saret minn Mons: Pellerano f'is-7 ta'. April 1774.

—Fl-1787 il cnisja kalghet il ġisem ta'l Martri San Pacificu li il lum jinsab merfugh f'il cor.

—Fl-1812 il Mostin tũebblu li jcabbru il cnisja. L-Inġinier Grongnet de Vassé,—ũara li serva fl-Eġittu ma' Napuljun,—ghamel il pjanta fuk il Panteon ta' Agrippa ta' Ruma li intghoġbot ħafna m'il Cappillan ta' dic il ħabta Dun Feliċ Calleja u m'il poplu.

—Dun Feliċ ħareġ minn butu sittax il elf scud (£ 1,333 lira) li ghal dac iż-żmien chienet somma sabiħa tasseũ. Miet fl-1833 ta' 82 sena bla ma ra tinbeda il cnisja li xtak tant ijũakkaf ghall ġieħ ta' Sidtna Marija.

—Ũarajh laħak il Viċi-Parrocu Dun Ġann Marì Schembri li compla il bini ta'l cnisja.

—L-eũũel ħagra tkieghdet f'it-8 ta' Mejju 1833 m'id-Delegat Mons: Dun Salv: Lanzon.

—Il Gvernatur Ponsonby mar ra it-tkieghid ta'l eũũel ġebla; iżda l-Iskof Carũana ma satax ijmur u ghalhecc baghat f'locu lil Vigarju tieghu Lanzon.

—Il bini beda taħt l-Imghallem Ġużè Mangion ta' Birchircara, iżda ũara ħadu f'idejh il famus imghallem Anġlu Gatt li complih sa'l aħħar.

—Middeũ idejhom sa'n-nisa u it-tfal u chien ijsir sa'x-xoghol f'il Ħdud u il Festi; u l-Iskof ħareġ m'il Curja 250 lira f'is-sena ghajnuna ghal ghaxar snin.

—Il cnisja imbniet u inghalket il coppla b'il cnisja il kadima ġo fiha fejn in-nies bakghu jisimghu il kuddies u jitkarbnu.

—Dun Ġammarì ħalla ġidu collu ghall cnisja u miet fl-1859 hecc chif chienet lesta il cnisja.

—Il cnisja tbierchet f'is-16 ta' Frar 1860, ũara 27 sena xoghol, m'il Cappillan Dun Anton Mallia u sa's-26 ta'l istess xahar ħatteũ il cnisja il kadima ũara li fuk l-artal taghha kaddes l-eũũel kuddiesa il Can: Mons: Dr: Dun Michelang Mifsud.

—F'il 11 ta' Marzu 1860 l-Iskof Pace-Forno mar canta fiha it-«Te-Deũm.»

—Fl-14 ta' Ottubru 1871 ġiet icconsagrata m'il istess iskof.

—L-istil ta'l cnisja hu corintju; u tasa ma't-12 il elf ruħ b'il ũiekfa.

—Hemm qũadri sbiħ ta' Barbara, Erardi, Calì, Rafel Caruana, Bonnici, Cortis, Hyzler u oħrajn.

—Id-Dr: Oreste Grech Mifsud C.M.G., ghamel minn flusu l-arloġġ.

—L-Orgni, famus maħdum m'il Cav: Pacifico Inzoli, kam disa mitt lira.

—Fl-1889 imbniet l-anterna.

—Calì, fl-1900-2, pinġa il-lunetti bi flus l-Arcipriet Dun Paũl Xuereb, il mibchi patrictta u ghażiż ħabib tieghi. Issa sejjrin jiċċangaũ l-art bl-irħam u b'hecc dina il cnisja tcun ũaħda m'il isbaħ li haũn f'id-dinja collha. Hi ghoija minn barra 202 piedi, minn geũũa 184. Il faċċata hi ũiesgha 122 pied u nofs. Il colonni ta' barra gholjin 39 pied. Tũila 193 pied. Diametru 169; diametru bla cappelli 130. Ũisa ta'l cappelli 31 u nofs. Il coppla hi oghla minn ta'l Panteon ta' Ruma iżda id-diametru hu ankas b'20 pied; iżda hu actar minn dac ta' St. Paul's ta' Londra b'16 il pied.

—Krib il Mosta hemm monument ta'l ġganti u f' «Misraħ Ghonok» sabu ucoll xi ghadam taghhom.

—It-Torri Cumbo hu famus ghaliex fl-1526 fi żmien Sinam Baxa it-Toroc telghu minn Ũied il Ghasel u serku il gharusa ta'l Mosta lejliet it-tieġ taghha.

—Biex jaghmlu ħakk ma' Grongnet semmeu f'il Mosta triek ġdida ghalih.

* * *

—James Fergusson fl-opra tieghu: «HISTORY OF MODERN STYLES OF ARCHITECTURE» ũarrab f'il ġenb lil Grongnet u kal li il mertu collu ta'l bini ta' dina il cnisja famusa hu biss ta'l Imghallem Gatt. Ir-Rev: Salomone ipprova b'documenti f'il ctieb l-ieħor tieghu «GRONGNET CONFUTA FERGUSSON» li dana ma hux minnu u li cullma ghamel Gatt ghamlu fuk id-disinn u taħt it-trieġija ta'l Architett Grongnet.

Mela minn jaf bl-ingliż u b'it-taljan jixtri daũna iż-żeũġ cotba tant interessanti u li ma jkumux it-tnejn ħlief disa soldi biss m'il «Colonial Library» ta's-Sur Carlu Bartolo, ta' Sda: Rjali, il Belt.

# FRAC.

Il programm ta'l festi li sejjrin ijsiru fl-Incoronazjoni tar'-Re, hu dana: Nhar l-Erbgha, 21, ta' Ġunju, ũara nofs inhar issir it-tiġrija ta'ż-żũiemel f'Ta's-Sliema; f'il ghaxija luminazjoni il Belt u jdokku xi baned Maltin. Nhar il Ħamis, 22 ta' Ġunju f'il ghodu jsir it-tkassim ta'l ħobż u ta'l-laħam lill fkar. F'it-8 ta' f'il ghodu jidħlu il baned il Belt m'il Furjana b'il marċijiet. F'il ħdax jitcanta it-*Te Deum* f'San Ġũann. Ũara nofs in-nhar sejjra issir Lakgha f'il Palazz ta'l Gvernatur u ũaħda sinjura ingliża sejjra tilka it-tfal ta l Ischejjel ta'l Gvern. F'il Port il Cbir ijsiru it-tiġrijiet ta'd-dghajjes u il ġostra. F'il ghaxija pranzu b'il chif il Palazz, u mixilgha ma'l Belt u il fortizzi collha u baned ijdokku.— *Tatù* militari u mixilgha ta'l frejgati collha b'ħafna loghob ta'n-nar. Barra il Bieb ta' Putirjal ġogdifogu famus u ma'l campanja ħġejjeġ u loghob ieħor ta'n-nar.

* * *

Milli tistghu taraũ, ghall flus li ġabru, hu programm fkir u mischin chemm jista jcun. Oriġinali ma fih xejn biex jista jiġbed in-nies ħalli jitkankal ftit ta'l cummerċ. Chiecu ġiebu xi banda Maltija inghidu aħna minn Tunes okoghdu sguri li chienu jiġu ħafna Maltin maghha biex jaraũ il festi u b'hecc chienu jiġu jonfku chemxa flus li haũn bżonnha ħafna u ħafna f'il pajjis. Nitma biss li sa dic inhar jiftħu ghajnejhom u jsaũũru il programm ftit aħjar b'mod li in-nies titkankal ghaliex b'hecc jintefku il flus u jecc jistghu daũna il flus jiġbduhom minn barra il pajjis tant aħjar bħal ma jafu jaghmlu l-Iskallin.

Nirringrazzja l'is-Sur Fons Galea m'is-6 ghadd ta'l «Missjunarju iż-Żghir» li ghoġbu jibghatli. Is-Sur Fons ma issibux ħlief dejjem imbixchel f'xi ħaġa li m'hux biss taghmel ġid f'ir-ruħ li iżda tmixxi il pajjis il kuddiem ucoll. Alla jseddku u jatih mitt sena ghomor talli flusu, u saħħtu u l-intelliġenza cbira tieghu kieghed jużahom hecc tajjeb. Bravu!

Is-Sur Ġann Dingli, ŭara li ilu fuk ghoxrin sena jmixxi il ħanut ta'l cotba ta' Aquilina, fetaħ gha'r-rasu il «CORONATION LIBRARY 1911» fi Strada Vescovo, 135. Cull min jaf chemm hu onest, attiv, dħuli, educat u puntŭal is-Sur Dingli ma jistax ma jincoraġġihx ghaliex ijcun mokdi tajjeb u b'vantaġġ sgur. Mela l-aħjar raccomandazjoni hi li ŭieħed jipprova jixtri ghaliex jiena sgur li joħroġ tant cuntent li jibka jcompli. Jiena m'il kiegh ta' kalbi ma nixtieklux ħlief risk cbir, cbir chif ħakku.

★

Fl-Italja u l-actar f'Venezja il gazzetti kalu li hemm il colera ghad li milli jidher ijridu jghattuha. Jecc hu hecc m'hux seŭŭa.

★

Sejjer inġib jien ucoll dana is-sunett ghaliex hu sabiħ tasseŭ u ghaliex jiena dejjem ghamilt chemm stajt biex il ħila ta' min chitbu titla f'il ŭicc chif ħakku:—

## SANT'ANTNIN

SUNETT

**Imnissel mil Cbaràt, f.l gieħ, fil ghàna,**
**ried ighix ħiemed u mistur fl'imħabba,**
**biex jibka safi minn cull ħtija taghna**
**bhalma 's-susàn kalb il ħorriek jitrabba !**

**U, mita b'dac il gherf chien f'ruħu staghna**
**li jimla bid-daul t'Alla u katt ma itabba,**
**xtiek li jiċċecchen biex lilna jerfaghna,**
**xħieħ ma jiecolx biex l'imgeuuħin ixabba !**

**Id-dinja bil gid taħħa urajħ mirħija,**
**ghażel id-*Duejra tal Fkajjrin* b'ghamara :**
**u daks li Mghallem chiber fil kdusija...**

**Imma, jecc kalbu chienet coilha ħrara,**
**chienu moħħu u dirghajħ ucoll kauuija :**
**u ta Verona ma ħamilx il ħsara.**

**Fit-13 ta ġunju, 1911.** **G. MUSCAT-AZZOPARDI.**

## JIEN MIN JIEN

**Jien, m'it-trab in-nisel tieghi**
**U trab narġa ucoll insir ;**
**Ŭisk f'id-dinja ma'ndumx naħdem**
**Ghaliex ghomri actarx kasir.**

**Daca fommi dejjem siechet;**
**B'il ŭidnejn, u ma nismax;**
**Ħobż ma ndukx, b'ix-xorb inghaddi,**
**Katt ma schirt, ghaliex ma nafx.**

**Temmnunix? ghad ma tlaktx nimxi**
**U hecc nibka sa nintemm:**
**Tara in-nisa actarx jerfghuni;**
**Iżda gismi tkil ghal chemm.**

**Xi dakkiet chemm iħabbtuni !**
**B'dac nintemm, jien, b'it-taħbit.**
**Min jixtiek jaf x'isem ghandi,**
**Jokghod jaħseb, jecc ijrid !**
**Ma'l bniedmin minhiex maghdud**
**Ghad li ħasbu hecc x'uħud.**

V. B.

*(M'is-«Sebħ»)* *(Vzu: Busuttil)*

# Gha'n - Nisa.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

Ir-RAS hi imkassma f'il CRANJU (*l-iscutella*) u f'il ŬICĊ. Il cranju hu maghmul minn tmien ghadmiet li huma daŭn: il FRONTALI (*ta'l ġbin*), l'OĊCIPITALI (*ta'l cozz*), l-ETMOJDI u li SFENOJDI li kieghdin ġeŭŭa u minn taħt; il PARIETALI (ta'l *ġnieb*) u it-TEMPORALI (*li nghas*). Bejn daŭna cull tant ijcun hemm il ghadmiet WORMJANI. L'etmojdi hu hecc imsejjaħ ghaliex biċċa minnu hi imtakkba bħal gharbiel u dina il ghadma taghmel biċċa m'il imnieħer u biċċa m'il ħofor ta'l ghajnejn. Jecc tħares lejha minn fuk ghandha il ghamla ta' kalba ta' ġeŭża. Li Sfenojdi hi hecc imsejjħa ghaliex hi imŭaħħla doŭnha cunjard; u hemm min bħal Sommering, u Meckel ried ijghoddha, bla raġun, b'cumplament ta'l oċċipitali. Sejjħulha ucoll il ghadma BASILARI ghaliex taghmel biċċa m'il kiegh ta'l cranju.

Il ghadmiet Wormjani ħadu l-isem m'it-tabib danis Olaus Worm li tchellem l-eŭŭel darba fukhom fl-1611, ghad li chien ġa jaf bihom Eustacchio. Scond Chambellan il cranju f'in-naħħa ta'l jemin actar ghandu ghadam milli f'ix-xellug, u scond Hyrtl actar ma jcun cbir il cranju actar ijcun fih ghadmiet Wormjani. Il cranju hu maghdud il-lum bħala vertebra miftuħa biex tilka il moħħ. Dina il ħaġa intebaħ biha l-eŭŭel ŭieħed Goethe fl-1790 iżda chien Oken li xandarha fl-1807. Mela m'il kuċċata ta'r-ras sa't-tarf ta'l coċċiġe ma hix ħlief damma ta' vertebri (b'il custilji u l-isternu b'collox) mifruxa jeŭ imchebb'ba scond il ħtieġa li jcun hemm biex ijħarsu l-organi, ħalli ma tiġrilhom l-ebda ħsara minn barra. L-evoluzjoni cabbret u ceccnet scond ma chien hemm bżonn ghaliex f'in-Natura ma hemm xejn capriċċjus jeŭ li ma jfisserx xi ħaġa ghad li il ghorrief ghadhom ma ŭaslux biex jifhmu seŭŭa collox. Scond Oken il cranju hu maghmul minn erba vertebri u bħalu kalu Owen u Blainville. Huxley, Gegenbaur, Haeckel u Testut ma jakblux f'collox maghhom.

Il ŭicc hu imkassam f'ix XEDAK TA' FUK u XEDAK TA' TAĦT li jsejjħulu ucoll MANDIBOLA. Ix-xedak ta' fuk fih tlittax il ghadma; ŭaħda f'in-nofs (VOMERU) u l-oħrajn imkassmin tnejn, tnejn, ŭaħda cull naħħa u huma: il MAXXELLARI TA' FUK, il ghadma MALARI, l-UNGŬIS, il KARNUNA T'ISFEL, il GHADMA TA'L IMNIEĦER, u il PALATINA jeŭ ta's-SAKAF TA'L ĦALK.

*(Jissocta.)*

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.



Jiddispjacini ħafna li bosta imsieħbin ta'n-«Naħla» kieghdin jabbusaŭ ŭisk mil ħbiebeŀija u m'il ġentilezza tieghi billi hemm min ilu jħabbatni sentejn sħaħ biex ijħallas din il miserja. B'hecc inġabret somma sabiħa li jena ma jistax ijcun li nħalliha ghad-dejja ma'r-rieħ; ghaliex ghad li ma inhix kieghed noħroġ in-«Naħla» bi speculazjoni lankas jakbel li ŭara tant taħbil-ir-ras u taħbit ŭieħed jirroffa m'il but. Ghad li jakbilli nimxi b'il Korti ghax sengha tieghi nixtiek iżda ħafna li ma naghmlux u ghal-hecc nitlob lil daŭc li ghadhom l-ura f'il ħlas li jħallsuni b'il qŭiet ghaliex dac li ma jaghmluhx b'is-seŭŭa jibkghu sguri li ma jdumux ma jaghmluh b'id-dneŭŭa.

# Il Musica Sagra Maltija

( *Tissocta minn numru ta' kabel* )

Minn dana għandna nifhmu li il musica ġiet imdaħħla ma'l cant gregorjan u m'hux li dana f'Malta chien għadu ma daħalx sa dac iż-żmien.

* * *

Chif minnufih għamlu dac li ġiegħilhom Mons: Duzina ġa għidtu kabel u chif ġiebu fl-1623 l'is-Sacerdot Fontana u fl-1660 lil Dun Ortensju Bennini, u ŭarajhom lil Fra Melchiorre Samminiato, naplitan. Fl-1663 chien Surmast ta'l Cappella ta'l Catidral Berardi, sacerdot. Fl-1744 laħak Dun Belinn Zerafa, malti u li ħalla, fl-1787, il musica collha li chiteb lill Catidral u li meta dan l-aħħar raha il Prof: Vassallo kal: «*li ħakkha tinstama fl-akŭa accademji ta'l Eŭropa.*»

* * *

Meta miet dana u l-organisti Luigi Grech Grandolini Ambascete u Dun Pietru Paŭl Pullicino il musica sagra maltija ħadet dicsata seŭŭa u bdiet b'il ftit il ftit, dieħla f'locha il musica teatrali f'il cnejjes ucoll sa chemm certa musica chienet saret actar tajjba għal fuk palcuxenicu milli għal fuk orgni jeŭ f'cor.

Il Papiet m'il eŭŭel riedu jekirdu dana l-abbus cbir u Giovanni XXII u Benedettu XIV ħarġu xi tŭiddib, iżda ma irnexxielhomx.

Dac li sar Barra sar haŭn ucoll u il musica teatrali bdiet dieħla ġmielha ucoll. Il Gran Mastru Verdala chien ijżomm f'il Palazz tiegħu id-dakk b'il flaŭtijiet u it-trombi scond ma jgħarrafna l-istoricu Comm: Del Pozzo; Alofju De Wignacourt irranġa orchestra u beda jġib cantanti m'il aħjar, u Carafa meta ġie jarah in-neputi tiegħu, il Princep Carafa, għamel f'il Belt ħafna festi sbiħ b'id-dakk, b'it-turnej u b'il cummiedji. Il Gran Mastru Manoel għadda actar il kuddiem billi bena Teatru pubblicu fl-1732 u fih bħala l-eŭŭel opera saret il «*Merope*» ta'l Maffei. Dana hu it-Teatru Manoel ta'l-lum. Compla ucoll il «*Cantati*» li chienu jsiru f'il Pjazza u li chien bdihom il Gran Mastru Cotoner fl-1660.

F'it-Teatru Manoel damet għal sebgħin sena ma issir opra ta' aŭtur malti; fl-aħħar deher Isouard u saru chif għidna band oħra l-opri tiegħu. Fuk il «Cantati» sbiħ ta' Dun Michiel Anġ Vella tchellimna ucoll; u meta għall għejra ŭarrbuh minn daŭna il Cantati biex jagħmilhom barrani l-Ingiżitur f'il festa cbira li saret meta laħak Papa Clement XIII sejjaħ lilu biex għamel il Cantata hu.

Bħala musica sagra ta' dana Vella għandna Kuddiesa ta'l Mejjtin, u is-Salmi. *Laetatus*, *Nisi Dominus* u *Lauda Jerusalem*.

M'il iscola ta'l contrapunt tiegħu ħarġu u irnexxeŭ tasseŭ Isouard, Burlon ta'l Birgu u Magri ta' Bormla.

Laħak ŭara l-Azzopardi li fuku ġa tchellimt f'it-tul u faħħart il musica sagra tiegħu li biċċa minnha bħal ma hu il *Lauda Sion*, tista tħabbatha ma'l musica ta'l compowituri il cbar.

Minn taħt idejn Azzopardi irnexxeŭ barcata compositturi m'il aħjar fosthom Pietru Paŭl Bugeja, Dun Gusepp Burlon, Dun G. Principato ta'l Isla, Dun Dor Piscopo ta' Ħa'ż-Żebbuġ u xi oħrajn. Għajb li il dana Azzopardi u lil Isouard ftit niftacru fihom u li ħadd m'il Cunsilieri tagħna ma tkankal katt biex f'iż-żeŭġ niceċ li hemm f'it-Teatru Rjal tagħna u li saru mħabba fihom jitkiegħdulhom żeŭġ statŭi sbiħ chif jixirkulhom.

( *Tissocta* )

# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Nisimgħu l-Iscrittura Imkaddsa, li hu il ctieb mimli b'cull għerf. Fl-eŭŭel ctieb ta'l Genesi, vers 29, tgħid:— « *U Alla kal: Ara, jiena tajtec cull ħaxixa ta'ż-żerrigħa li hemm fuk il ŭiċċ ta'l art collha, u culi sigra li fiha hemm il frott ta' sigra ta'ż-żerrigħa; daŭna għalic ijcunu f'loc laħam.*» Minn dana naraŭ li għandna ngħixu fuk il ħxejjex u il frottijiet biss u il chelma ta'l Bibbja takbel ma'l chelma ta'x-Xjenza għaliex isimgħu x'ijgħidilna Carrington: — « *From every conceivable standpoint do the arguments for vegetarianism (or fruitarianism) become stronger and stronger the more they are examined and inquired into, and the more ephemeral and lacking in reason do those become which are advanced against the practice. That «too much meat,» is now consumed is generally admitted; but that man can do without meat altogether, and be better, healthier, and stronger from a total discontinuance of its use—this may strike my reader as, at first sight, overstating the case. Such however, is by no means the fact. Meat is not man's natural food.* »

* * *

Il veru ichel ta'l bniedem għandhom ijcunu il frottijiet u l-actar il ġeŭż, ġelleŭs, leŭż, tamar, u il għeneb, ħxejjex u ilma safi biss u bla issajjruhom katt għaliex is-sajran joktol il ħajja *elettrica* tagħhom li tagħmel tant ġid f'il ġisem u li meta tħoss in-nar tgħib. « *Man must live upon his natural food —fruits and nuts, eaten in their uncooked, primitive form*, CARRINGTON). Dr: Holbrook chiteb: « *Cooking destroys life.* » Dr: Schlickeysen chiteb:— « *The food must contain a certain electrical vitality which is greatly impaired by our culinary processes.* » Mr: Christian f'il ctieb tant sabiħ tiegħu «*Uncooked Foods*,» Dr: S. Dodds, O. Carque, Salt, Dr: Densmore, Dr: Burney Yeo, Dr: Bellows, Dr: Lewis, Dr: Sir Henry Thompson, Dr: Haig, Andrews, Richards, York-Davies, Holbrook, Nichols, Lahmann, Hinkley, Richards, Macfadden, Kingsford, Waldo Trine, Forward, Godfellow, Eustace Miles, Smith, De Lacy Evans, Hoy, Wallace Fowler, Hunter, Colburn, Jackson, Swami Abhedananda, Besant Newcomb, Tolstoi, Latson, Crosby, Elisèe Reclus, Shelley, Stockham, Kellogg, Broadbent, Trall, Lust, Reinhold, Sylvester Graham u sarbut ta' għorrief oħrajn li ma nsemmix biex ma ndejjakcomx ħasbuha hecc ucoll, u Carrington stess ijgħarrafna li hu ilu għal bosta snin ijgħix f'dina il ħajja u li sab ruħu ħafna aħjar u actar b'saħħtu minn meta chien jiecol il laħam u jsajjar l-ichel. Jiena u il mara ilna fuk sentejn bla ma nieclu laħam u bla ma nsajjru l-ichel u sibna ruħna ucoll b'il ŭisk aħjar.

* * *

Haŭn min jaħseb li dina il cura ta's-saŭm hi xi ħaġa ġdida. Le. ACTAR MINN ELFEJN SENA ILU il filosofu grieg Asclepiadi chien ijxandarha u il cbir Plutarcu ħalla mictub:— « Meta timrad, aħjar ġurnata saŭm m'il mediċini.» M'il ctieb antic « *Of Good Workes, and First of Fasting* » li ħareġ f'is-seclu sittax, nieħdu li il Cnisja Protestanti chienet temmen bih u li chien ordnat f'il Concilju ta' Calderon. Fl-Iscrittura insibu is-saŭm imsemmi xi għoxrin darba, u insibuh ucoll ordnat f'ir-reliġjonijiet ta' Lvant collha—ta'l Maŭmettani, ta'l Buddisti, ta'l Bramini u ta' oħrajn. Il kaddisin collha chienu jsumu u fost l-Insara ir-Randan, fl-antic, chien ijsir billi chienu jieclu darba biss f'il Ħdud u is-Sibtijiet f'nofs inhar, bħal ma nieħdu m'il «*Peregrinatio Silvae.*» Scond Lowell il Gappuniżi jsumu ucoll.

( *Tissocta.* )

## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tabbusa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaŭdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tiegħi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta ħames xelini huma:—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Hungarian Foncier | £ 8 | 10 | 0 | cull titolu |
| Panama | 8 | 0 | 0 | ,, |
| Congo | 6 | 0 | 0 | ,, |

Ghalhecc daŭc il clienti illi jixtieku jacqŭistaŭ xi titolu tad-ditta tieghi huma mitlubin li jirrifiutaŭ cull cuntratt o hŭejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaŭ kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaŭ, chif ucoll informaŭ ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hŭejjeġ ohra ma ghandcomx tohduhom hliet minn ghand

C. Bornaccini, 87, Strada Forni, Valletta.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokgħod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jagħmel bridge u crown work, u xogħol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il ħanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietaħ u ieħed jista jittieħem ucoll fuk il chera.

*Sejjer johrog' ma jdumx !*

AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

# TÈ TA CEYLON

# 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

## IPPURIFICAU BIDDLU u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

## DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinbakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT
(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# L=Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦŬEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TAS-SEŬ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ŬISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**

---

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta

NEVRASTENIJA

li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

li ŭara studju cbir sab il famus

ANTINEVROTICU

li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.

F'Malta dan ijbigħu

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
¡IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.